Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAT-TMIENJA W'ERBGHIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 3 ta' Awissu 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**Prezenti/Skuzat**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Agent-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Dr. | MARIA LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Zball zghir fil-kelma kummercjali li trid tigi riciklat. Approvati.

**2. KORRISPONDENZA**

- Memo 95 Skema Inizjattivi 2011. Is-Sur Cassar qal li nistghu napplikaw ghall-Lejl ghat-Tard imma ha tigi spiza u ghalhekk ghandna nahsbu f'attivitajiet ohra. Is-Sur Stefan Cordina qal li ghandna niltaqghu ma' xi nies u ghalhekk kompla s-Sur Cassar ghandna nahsbu f'xi haga innovativa. Is-Sur Spiteri qal li nahsbuha, napplikaw u jekk din ma ssirx ma nkunux tlifna l-flus
- E-mail minghand l-Ufficcju tal-President fuq talba ghall-*on site meeting* rikjest sabiex isir *disabled parking bay* fejn il-gnien il-gdid li se jigi inawgurat bejn Dicembru u Marzu.
- E-mail minghand is-Sur Adrian Gauci rigward *overspeeding* fi Triq Victor Vassallo. Sar kuntatt mas-Sur Gauci kemm mis-Sur Pace kif ukoll mis-Sur Cordina u jidher li l-ilmenti gew milqugha.
- Invit minghand l-Kunsill Pastorali Parrokkjali ghall-quddiesa tal-Hamis, 12 t'Awissu u kuncert fic-Centru Papa Gwanni Pawlu II.

**3. LEJL GHAT-TARD *UPDATE***

Is-Sur Spiteri semma dak li sar s'issa. Is-Sur Cordina kompla fuqu filwaqt li ntwera l-Billboard li ha jittella' fil-granet li gejjin f'H'Attard, Marsa u Burmarrad. Is-Segretarju semmiet ukoll l-isponsors li gabret ghal fuq il-billboard u li hi u l-istaff ha jaghmlu mezz li jduru ftit il-hwienet. Ghalqet billi hegget lill-membri tal-kumitat sabiex jaghmlu kuntatt mas-Sur Azzopardi u tingab kwotazzjoni tal-ispejjes kollha marbuta mal-lejla issa li l-programm hu finalizzat.

**4. LATRINI PUBBLICI**

Is-Sur Pace qal li s-Sur Cassar bghat e-mail fuq il-latrini miftuhin ghal tul ta' hin sas-1pm. Is-Sur Pace qal li huma jinzammu miftuhin minhabba li kif jaf kulhadd l-vandalizmu huwa iktar prominenti bihom maghluqin milli miftuhin. Il-kuntrattur intalab jitkellem u qal li kull meta ghalaqhom kmieni specjalment dawk ta' fuq ta' Misrah Kola, dejjem gew ivvandalizzati iktar u huwa ghalhekk li hu jhallihom miftuhin ha jinqdew basta ma ssirx hsara . Wara kollox kompla s-Sur Pace qal li l-hsara hija responsabbilta' tal-kuntrattur u l-Kunsill m'ghandux x'jitlef bihom miftuhin. Is-Sur Zammit qal li kieku jaghmlu spezzjoni l-*mobile squad* tal-Pulizija, fejn jistghu,

diga' taghmel differenza. Is-Sur Spiteri propona li jsiru *dummy cameras* imma s-Sur Pace qal li jigri bhal ta' Hal Balzan fejn il-*bring-in site* kif indunaw li huma *dummy* cameras regghu mizbla. Is-Sur Bugeja qal li kieku hu jhallihom miftuhin. Is-Sur Cordina propona li jinbidlu l-viti biex ma jithallewx viti miftuhin ghal xejn u jsiru minn dawn moderni bil-*push*. Gie deciz lii jithallew miftuhin ghal hmistax sabiex jinqdew in-nies u jinbidlu l-viti ta' Misrah Kola.

5. **PREZENTAZZJONI TAT-TROPHIES TLIELAQ ATTARD ATHLETICS CLUB 2010**
Is-Sur Zammit qal bi preparazzjoni ghar-races ta' l-AAC l-Kunsill ghandu jiehu stand u jiddeciedi min ha jqassam dawn it-trophies il-Kunsill u mhux jiddeciedi l-President tal-Klabb. Is-Sur Bonnici qal li ghax ma jitnaqqsux dawn it-trophies kollha u jinghataw l-ewwel, it-tieni u t-tielet biss. Is-Sur Bonnici qal li vera ghandhom l-ispejjez imma l-ewwel, it-tieni u t-tielet bizzejjed ghal kull kategorija u bl-istess ammont ta' flus jithallsu affarijiet ohra bhal t-shirts, mementoes jew dak li jkun hemm bzonn.

6. **APPROVAZZJONI *BELISHA BEACONS* TRIQ HAL WARDA**
Is-Sur Pace tenna dak li qal fl-ahhar laqgha li dawn il-Belisha Beacons huma hopeless, ma jidhrux u sahansitra f'toroq inawgurati godda m'hemmx minnhom. Ghaldaqstant propoana li jsiru zewg floodlights fuq kull naha taz-zebra crossing kif ukoll xi haga tipo dawk li hemm in-Naxxar bil-persuna qed taqsam fuq *base* flu tixghel bil-lejl. Rega' tenna dak li qal qabel li ma jaqbilx li tinqasam it-triq ghal cables. Is-Sur Cassar saqsa jekk meta saret it-talba ghall-crossing guards lill-membri tal-Muzew sarx ir-rifjut bil-miktub jew bil-fomm. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li r-rifjut sar bil-kitba minhabba li s-Socjeta' tal-Muzew qalet li hi responsabbli mill-bieb 'l gewwa. Is-Sur Spiteri ssuggerixxa li ssir talba fuq il-fuljett tal-Kunsill. Hadd mill-membri l-ohra tal-Kunsill ma wera qbil jew mas-Sur Cordina li jsiru jew mas-Sur Pace li ma jsirux, imma kulhadd qabel li ghandhom isiru zewg floodlights.

7. **APPROVAZZJONI STIMA PERIT *EMBANKMENT* TRIQ IL-LINJA**
Is-Sur Cassar qal li iktar ma jghaddi z-zmien iktar wiehed qed jinduna kemm hu wirt storiku dan l-*embankment.* Is-Sur Cassar kompla billi qal li issa huwa z-zmien li tintalab stima biex inkunu ppreparati. Is-Sur Spiteri qal li hu, Ralph u Stefan kienu ltaqghu mal-Perit u kien hemm stima ta' €2000 sabiex isir survey it-tul kollu ta' l-*embankment* u dan apparentament huwa l-unika wiehed li fadal Malta. Il-Kunsill approva li jsir is-*survey*. Is-Sur Pace qal li jekk hemm xi *survey* lest min-naha ta' din l-Art Helwa u ghalhekk ghandu jsir kuntatt ma' Chanelle Muscat jew l-Perita Alison Attard.

8. **APPROVAZZJONI TA' STIMI KORSIJIET**
Is-Sur Pace qal li hemm diversi entitajiet li jaghmlu korsijiet tat-fire fighting u first aid imma recognised companies tnejn biss hawn is-St. John Ambulance u l-Institute of Health and Safety. Is-Sur Cassar qal li hemm bzonn ikun hemm massimu ta' nies li ha japplikaw. Is-Segretarju Ezekuttiv issuggerit li jkun hemm €500 ghal kull kors, total ta' €1000 igifieri l-Kunsill jissussidja total ta' €20 kull persuna b'massimu ta' 50 persuna.

9. **APPROVAZZJONI TA' HLASIJIET**
Approvati

10. **PJAN LOKALI - *FOLLOW-UP***
Inghata rendikont fuq il-Pjan Lokali u l-laqgha li saret ma' membri tal-Kunsill.

11. **PUNTI MQAJJMA**
Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Issir tabella Tarmix Zibel Hawn fl-area tal-Flats.

.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Tnaddaf Wied Irmiedi u fadal bicca konkos biex titnehha min hdejn l-istage.
- Jsir thawwil ta' sigar indigeni bhal Ballut, Zebbug, Harrub, denu u gharghar flok yukki wara li jingabu l-permessi mehtiega mill-Agrikoltura
- Biex titnaddaf Triq is-Salvatur
- Semma rampa li saret min individwu u li tnehhiet mill-Kunsill minhabba li kienet illegali. Ghandu jintalab permess lill-TM sabiex din issir kif suppost.
- Wera ritratt ta' cumnija li minnha qed johorgu hafna riha ta' zjut.

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dan il-punti:

- Xtaq ikun jaf kif ha tinfetah Triq Lorenzo Manche'.

**12. AGGORNAMENT**

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm ghat-Tlieta, 31 ta' Awissu 2010.

__________________________ Sindku

______________________ Data